**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-vs-**

**Karmenu Cassar, detentur tal-karta tal-identità numru 256038M**

*Kumpilazzjoni Nru. 446/2018*

Illum, 22 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Karmenu Cassar** u ċioe talli:

> F'dawn il-Gżejjer, f'Awissu 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti, magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' tlieta u disgħin elf u mitejn Ewro (€93, 200) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu għad-dannu ta' Jason John Desira I.D. No.32273M.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna l-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Ġunju, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi wara li aktar kmieni il-lum instema l-espert mediku forensiku Dr. Edward Cherubino li iddikjara li l-imputat qatt mhu ser ikun f'pożizzjoni li jsegwi l-proċeduri minħabba l-marda qerrieda tad-dementia,

U wara li l-kwerelant qed jirtira l-kwerela minn tiegħu, meta dan hu reat prosegwibbli bil-kwerela tal-parti skond kif kontemplat bil-proviso għall-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali,

Tiddikjara Proċediment Eżawrit.

Tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**